# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Novembru, 2021**

**Rikors Maħluf Nru: 948/2021**

***N. CORDINA MARKETING LIMITED***

***vs.***

***CAVENDISH HOTELS LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-tliet talbiet imressqa minn N. Cordina Marketing Limited kontra Cavendish Hotels Limited;

***Daħla***

2. B'**<u>rikors maħluf imressaq fl-24 ta' Settembru, 2021</u>**, il-kumpannija attriċi fissret li hija fadlilha tieħu s-somma ta' €49,466.17 mingħand il-kumpannija konvenuta, dovuta minħabba bejgħ ta' prodotti ta' tindif, kimiċi u iġjene;

3. Billi skont il-kumpannija attriċi s-somma ta' €49,466.17 hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-kumpannija attriċi, l-imsemmija kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet xi tressaq kontra dawn it-talbiet għall-ħlas, hija talbet lil din il-qorti li:

*«1. Tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tagħti sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skont l-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara lis-soċjetà intimata bħala debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf, erba' mija, sitta u sittin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€49,466.17) liema ammont jirrappreżenta bilanċ dovut fuq prodotti provduti mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà intimata.*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru ta' riferenza 96/2021, fl-ismijiet N. Cordina Marketing Limited (C-14215) vs. Cavendish Hotels Limited (C-8372), u bl-imgħax kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.»*

4. B'digriet kamerali mogħti fit-**<u>22 ta' Ottubru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors maħluf lill-kumpannija konvenuta u din ġiet mogħtija l-jedd li jekk trid tressaq nota fir-reġistru tal-qorti jew fl-udjenza, sabiex biha tattakka l-proċedimenti magħmula mill-kumpannija attriċi, bħala mhux regolari jew li ma jgħoddux għall-każ, u dan hekk kif jinsab imfisser fl-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet il-qorti poġġiet il-kawża għas-smigħ għat-12 ta' Novembru, 2021 u wissiet lill-kumpannija konvenuta li jekk hija ma tidhirx għal dan is-smigħ, il-qorti sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi skont l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Il-kumpannija konvenuta ġiet notifikata fl-1 ta' Novembru, 2021 (ara paġna 19 tal-atti) u għażlet li ma tressaq l-ebda nota skont l-**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex tikkontesta s-siwi ta' dawn il-proċeduri;

6. Is-seduta tat-12 ta' Novembru, 2021 ġiet differita għas-seduta tas-16 ta' Novembru, 2021 skont il-*proviso* tal-**artikolu 169 tal-Liġijiet ta' Malta** minħabba li minn meta l-kumpannija konvenuta ġiet notifikata bir-rikors maħluf sad-data tal-ewwel smigħ ma kinux laħqu għaddew ħmistax-il jum biex il-kumpannija konvenuta tħejji d-difiża tagħha (ara paġna 20 tal-atti);

7. Għas-seduta tas-16 ta' Novembru, 2021, l-imsemmija kumpannija konvenuta għażlet li ma tidhirx biex tgħarraf lill-qorti jekk hija għandhiex xi eċċezzjonijiet validi xi tressaq biex tikkontesta għat-talba għall-ħlas imressqa mill-kumpannija attriċi;

8. Minn hemmhekk il-kawża ġiet posposta sabiex tkun tista' tingħata din is-sentenza;

***Fatti***

9. Noel Cordina, direttur u azzjonist tal-kumpannija N. Cordina Marketing Limited stqarr fl-affidavit tiegħu (ara paġni 4 u 5 tal-atti), li l-kumpannija attriċi tbigħ prodotti ta' tindif, iġjene u kimiċi oħra. Huwa jgħid li l-kumpannija konvenuta xtrat minn dawn il-prodotti mingħand il-kumpannija attriċi, kif jidher mir-rendikont li ġie esibit mar-rikors maħluf minn paġna 6 sa 10 tal-atti;

10. Skont dan ir-rendikont, jidher li bejn Settembru 2018 u Marzu 2020 saru għadd ta' ordnijiet ta' xiri ta' dawn il-prodotti li tqassmu f'numru ta' lukandi u stabbilimenti kummerċjali differenti madwar Malta. Minn dan ir-rendikont jidher, li baqa' bilanċ ta' €49,466.17;

11. Fit-12 ta' Jannar, 2021, il-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-kumpannija konvenuta sabiex twettaq dan il-ħlas, iżda dan il-ħlas baqa' ma sarx (ara paġna 15 tal-atti);

***Konsiderazzjonijiet***

12. M'hemmx għalfejn illi ngħidu li l-proċeduri sommarji (aktar magħrufa bħala l-proċeduri bil-giljottina), imsemmijin fl-**artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, huma minnhom infushom ta' natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu

mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata' wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet kollha fil-kawża. Kemm hu hekk, fil-proċeduri bil-giljottina l-attur jitlob lill-qorti sabiex hija tgħaddi għas-sentenza tagħha fuq dak li jiġi mressaq lilha mill-istess attur u dan mingħajr il-possibilità ta' kontroll min-naħa tal-parti mħarrka;

13. Għalhekk kif ingħad f'***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 2005, «*F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tkun mgħobbija b'responsabbilità akbar billi, mingħajr l-intervent tal-kontro parti, hu mistenni minnha li tilqa' t-talba kif proposta*»;

14. Il-liġi tagħti żewġ rimedji lill-imħarrek biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji: (i) billi jqajjem permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru jew fl-udjenza, li l-proċedura bil-giljottina mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew (ii) billi jġib prova *prima facie* li hu għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech***, Appell Superjuri tal-11 ta' Mejju, 2015);

15. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-giljottina u jimxu skont il-proċedura ordinarja;

16. Jekk issir nota li l-proċedura mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*» u din tiġi milqugħa mill-qorti, allura ma hemmx għalfejn li dik il-qorti tidħol fil-kwistjoni ta' jekk *prima facie* jidhirx li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontro-talba valida xi jressaq fil-mertu, għax f'dak il-każ il-Qorti għandha mill-ewwel tawtorizza lill-konvenut biex jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kif provdut fl-**artikolu 170(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara *inter alia* ***Wings Couriers Ltd v. L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri et nomine***, Appell Superjuri tas-16 ta' Frar, 2014);

17. Fil-każ tagħna, il-kumpannija konvenuta la ressqet nota biex tattakka r-regolarità tal-proċedura li trid tuża' l-kumpannija attriċi biex tinqata' din il-kawża; wisq anqas

ma dehret fis-smigħ tallum biex tipprova tikkonvinċi lill-qorti li hija għandha difiża tajba biex ixxejjen it-talbiet attriċi;

18. Xi ngħidu però dwar iż-żminijiet li fihom suppost għandhom jinżammu l-proċedimenti sommarji?;

19. Skont l-**artikolu 169 tal-Kap 12 tal-Liġijiet**, il-konvenut għandu jitħarrek quddiem il-qorti mhux aktar kmieni minn ħmistax-il jum u mhux aktar tard minn tletin jum min-notifika tar-rikors maħluf;

20. Kien hemm żminijiet fil-passat, qabel l-emendi tal-**Att XXIV tal-1995**, fejn in-nuqqas ta' ħarsien ta' dawn iż-żminijiet kien joqtol il-proċediment sommarju u jaqilbu fil-proċediment ordinarju (ara *inter alia* ***Saviour Cachia v. Boris Arcidiacono*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, 1987 u ***Av. Victor Emanuel Ragonesi v. Helma mart Joseph Muscat Doublesin***, Appell Kummerċjali tat-23 ta' Jannar, 1991);

21. Madankollu, b'seħħ minn wara l-emendi tal-1995, il-pożizzjoni ma baqgħetx aktar hekk. Kemm hu hekk, fil-*proviso* tal-**artikolu 169** insibu li,

> «*fin-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma għandhiex tieqaf timxi bi proċediment sommarju speċjali iżda għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jiġux preġudikati*»;

22. Bis-saħħa ta' din il-*proviso*, il-qrati tagħna aċċettaw u żammew ħajjin proċediment sommarji: (i) kemm f'qagħdiet fejn il-kawża ġiet appuntata f'inqas minn ħmistax-il jum min-notifika, fejn il-konvenut kien deher fl-udjenza flimkien mal-avukat tiegħu biex jiddefendi ruħu (ara ***Pauline Vella Moran v Paul Abela*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2008 u ***Emanuel sive Noel Muscat v. Helen Ciantar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2021); (ii) hekkda f'sitwazzjonijiet fejn il-kawża ġiet appuntata f'inqas minn ħmistax-il jum min-notifika u deher biss il-konvenut waħdu, mingħajr l-avukat, biex jiddefendi ruħu (ara ***Mario Valentino et v Anthony Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2009) jew inkella meta l-konvenut ikun laħaq ippreżenta n-nota skont l-

**artikolu 170(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***B&B Property Development Co. Ltd v. Paul Barun*** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2021); u (iii) kif ukoll f'qagħdiet fejn il-kawża ġiet appuntata aktar tard minn tletin jum min-notifika tal-konvenut (ara ***Banif Bank (Malta) p.l.c. v. Pierre Debono et***, deċiża dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021);

23. Fil-każ tagħna l-ewwel terminu tal-ħmistax-il jum ġie osservat f'dan il-każ, għaliex wara n-notifika tal-kumpannija konvenuta fl-1 ta' Novembru 2021, il-każ ma nstemax qabel il-ħmistax-il jum imsemmi fl-**artikolu 169 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta** iżda instema' fil-ħmistax-il jum eżatt, jiġifieri fis-16 ta' Novembru, 2021. Hekk ukoll, ġie mħares it-tieni terminu tat-tletin jum, għaliex is-smigħ ma sarx wara tletin jum min-notifika;

24. F'ċirkostanzi bħal dawn, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni min-naħa tal-kumpannija konvenuta, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li tissokta billi timxi billi tilqa' t-talbiet tal-kumpannija attriċi, hekk kif jgħid u jrid l-**artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

25. Dwar l-imgħax mitlub mill-kumpannija attriċi, il-qorti tqis li l-kreditu mitlub minnha ġej minn operazzjoni kummerċjali ta' bejgħ ta' prodotti li seħħ mal-kumpannija konvenuta bejn is-snin 2018 u 2020;

26. Darba għalhekk li din l-operazzjoni kummerċjali nżammet bejn intrapriżi wara l-1 ta' Lulju, 2005, allura l-imgħax li jrid jitħallas mhuwiex soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 1139** sa **1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** iżda huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-**artikoli 26A** sa **26J tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, kif dawn ġew emendati bl-**Avviżi Legali tal-2012** u **tal-2014** (ara f'dan is-sens ***Blye Engineering Co. Ltd v. Allegro Andante Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju, 2010 u ***Godwin Gatt v. Joseph Camilleri et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2021). Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira ta' intrapriża, kif miġjuba fl-**artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**, wieħed isib li hemm magħdud magħha, persuna li twettaq attività ekonomika waħidha

27. Skont il-**Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta)**, l-interess legali li jrid jitħallas bejn intrapriżi għandu jkun imgħax sempliċi bbażat fuq rata li tkun ugwali għas-somma tar-rata ta' referenza u għallinqas tmienja fil-mija (8%) (ara **artikolu 26A tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**). Fil-preżent, ir-rata ta' referenza maħruġa mill-Bank Ċentrali Ewropew hija ta' 0,00 %. Jiġi b'hekk, li r-rata tal-imgħax applikabbli f'dan il-każ għandha tkun ta' 8% fis-sena;

28. Illi kreditur jista' jipproċedi bit-talba ta' imgħax għall-ħlas tardiv kontra d-debitur mingħajr ma jfakkar lid-debitur li l-ammont hu dovut (ara **artikolu 26Ċ(2) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**) u l-kreditur ikollu d-dritt għall-imgħax minħabba ħlas tardiv mill-ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt (ara **artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**);

29. Minkejja kull liġi oħra, il-perijodu għall-ħlas iffissat f'kuntratt ma jistax jaqbeż sittin ġurnata kalendarja, iżda l-partijiet jistgħu speċifikatament jiftiehmu dwar perijodu itwal, sakemm din l-estensjoni taż-żmien ma tkunx manifestament inġusta għall-kreditur (ara **artikolu 26Ċ(4) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta**).

30. Fil-każ tagħna, għalkemm Noel Cordina jgħid fl-affidavit tiegħu li bejn il-partijiet kien hemm miftiehem terminu ta' żmien għall-ħlas tad-dejn (ara paġna 4 tal-atti), madankollu l-qorti m'għandhiex tagħrif mill-atti tal-kawża f'hiex kien jikkonsisti dan it-terminu;

31. Għalhekk fin-nuqqas ta' prova dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas, il-qorti tqis li l-imgħax għandu jinħadem skont id-dispiżizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tilqa’</u>** l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi biex tipproċedi għas-sentenza mingħajr smigħ skont l-**artikoli 167** sa **170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**; u

ii. **<u>Tilqa’</u>** t-tieni u t-tielet talba tal-kumpannija attriċi u b’hekk tiddikjara u tikkundanna lil Cavendish Hotels Limited sabiex tħallas lil N. Cordina Marketing Limited, is-somma ta’ €49,466.17, b’imgħax sempliċi bit-8% fis-sena, li jibda għaddej skont id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-**artikolu 26Ċ(3) tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta’ Malta** sad-data tal-ħlas effettiv;

**<u>Tordna</u>** wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma’ dawn il-proċeduri, magħduda magħhom dawk li jolqtu l-ittra uffiċjali tat-12 ta’ Jannar, 2021, għandhom jitħallsu kollha kemm huma mill-kumpannija konvenuta Cavendish Hotels Limited.

____________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

_________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**